MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 898/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**Vs**
**1. Melvin u Pamela mizzewgin Zammit**
**(K.I. numri 490481 (M) u 130784 (M), u**

**2. Alfred u Rose mizzewgin Buhagiar**
**(K.I. numri 282548 (M) u 418949 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fid-9 ta' Settembru, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 14 ta' Awwissu 2005 (Dok, "A"), u permezz ta' skrittura privata datata 9 ta' Mejju 2007 (Dok. "B"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet lil Melvin u Pamela mizzewgin Zammit;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Melvin u Pamela mizzewgin Zammit fis-somma ta' mija u disat elef, mija u tmien Ewro u tlettax-il centezmu (€109,108.13) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Melvin u Pamela mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", Dok. "D1 sa D5", Dok. "E1 sa E4" u Dok. "F1 sa F5") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Lulju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Mejju 2005 (Dok. "G"), il-konvenuti Alfred u Rose mizzewgin Buhagiar iggarantew flimkien u "*in solidum*" ma' Melvin u Pamela mizzewgin Zammit ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Melvin u Pamela mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B" u "G",) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Melvin u Pamela mizzewgin Zammit u Alfred u Rose mizzewgin Buhagiar,

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi,

(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Melvin u Pamela mizzewgin Zammit u Alfred u Rose mizzegin Buhagiar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 21 ta' Ottubbru 2009 li kopji taghhom qed jigu hawn ezibiti u mmarkati Dok. "H" u Dok. "I", sabiex

jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B" u "G") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Melvin u Pamela mizzewgin Zammit u Alfred u Rose mizzewgin Buhagiar (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Melvin u Pamela mizzewgin Zammit u Alfred u Rose mizzewgin Buhagiar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Melvin u Pamela mizzewgin Zammit u lil Alfred u Rose mizzewgin Buhagiar ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disat elef, mija u tmien Ewro u tlettax-il centezmu (€109,108.13) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Melvin u Pamela mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", Dok. "D1 sa D5", Dok. "E1 sa E4" u Dok. "F1 sa F5") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Lulju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 21 ta' Ottubru 2009 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda ta' l-Bank attur;

Rat in-nota tal-konvenuti tat-18 ta' Ottubru, 2010 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna Melvin u Pamela mizzewgin Zammit u lil Alfred u Rose mizzewgin Buhagiar ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disat elef, mija u tmien Ewro u tlettax-il centezmu (€109,108.13) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Melvin u Pamela mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Lulju 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------